


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Videjkonferenzi](#) > [Ġbir Ta' Provi Permezz Ta' Vidjokonferenza](#) Slovakia

## Ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza

 Slovakkja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

**1** Huwa possibbli li l-provi jinġabru b'vidjokonferenza jew bil-parteċipazzjoni ta' qorti fl-Istat Membru rikjedenti jew inkella direttament minn qorti ta' dak l-Istat Membru? Jekk iva, x'inhuma l-proċeduri jew il-liġijiet nazzjonali rilevanti li japplikaw?

Għalkemm il-liġi Slovakka ma fihex regoli speċifiċi li jippermettu l-kumpilazzjoni tax-xhieda mill-qorti fl-Istat Membru parteċipanti, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tipprevjeni dan. Skont ir-regoli proċedurali, il-qorti jikkumpilaw ix-xhieda waqt seduta, kif ukoll, meta jkun prattiku, barra mis-seduti (l-Artikolu 188 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili (*Civilný sporový poriadok*)). Bil-kunsens tal-partijiet, il-qorti tista' tagħmel seduta b'vidjokonferenza jew b'teknoloġija tal-komunikazzjoni oħra. (L-Artikolu 175 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili). Fil-prinċipju, il-partijiet għandhom id-dritt li jkunu preżenti waqt li jinġabru l-provi.

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għall-ġbir tal-provi b'vidjokonferenza (apparti dawk deskritti fuq). Għalhekk, japplikaw biss ir-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda (*Nariadenie o výkone dôkazu*), il-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili u r-Regoli Amministrattivi u Segretarjali għall-Qrati (*Spravovací a kancelársky poriadok pre súdy*) (fl-2015, id-Digriet tal-Ministeru tal-Ġustizzja Slovakk Nru 543 tal-11 ta' Novembru 2005 dwar ir-Regoli Amministrattivi u Segretarjali għall-qrati distrettwali (*okresné súdy*), il-qrati reġjonali (*krajské súdy*), il-qorti speċjali (*Špeciálny súd*) u l-qrati militari (*vojenské súdy*)).

Il-kwistjonijiet l-oħra kollha jridu jiġu solvuti bi ftehim bejn il-qrati kkonċernati u bl-għajnuna tal-EJN.

**2** Hemm xi restrizzjonijiet fuq it-tip ta' persuna li tista' tiġi eżaminata permezz ta' vidjokonferenza – pereżempju, huma biss xhieda jew oħrajn bħal esperti jew partijiet jistgħu wkoll jiġu eżaminati b'dan il-mod?

Ma hemm l-ebda restrizzjoni fil-liġi Slovakka fuq it-tip ta' persuna li tista' tiġi eżaminata permezz ta' vidjokonferenza. Skont l-Artikolu 187 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili, kull ħaġa li tista' tikkontribwixxi biex tiġi ċċarata l-kawża u li tkun inkisbet b'mod legali tista' sservi bħala prova. B'mod partikolari jistgħu jkunu eżaminati partijiet, xhieda u periti.

Skont l-Artikolu 203 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili, waqt il-kumpilazzjoni tax-xhieda jrid jiġi osservat l-obbligu li informazzjoni klassifikata tibqa' kunfidenzjali.

Skont l-Artikolu 38 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili, jekk parti tkun minuri, il-qorti għandha tqis l-opinjoni tagħha. L-opinjoni tal-minuri tiġi stabbilita mill-qorti permezz tar-rappreżentat tal-minuri jew tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni soċjali tat-tfal u l-kustodja soċjali, jew billi tinterroga lill-minuri anke mingħajr ma

jkunu preżenti l-ġenituri tiegħu. Restrizzjonijiet speċifiċi jiddependu kjarment mill-età tal-minuri u mill-metodu magħżul mill-qorti għall-eżami.

### 3 Liema huma r-restrizzjonijiet, jekk hemm, fuq it-tip ta' evidenza li tista' tinkiseb bil-vidjokonferenzi?

L-ebda, ħliet dawk ir-restrizzjonijiet marbuta man-natura proprja tal-provi (il-fatt li huwa impossibbli li ssir tiftixa f'binja permezz ta' vidjokonferenza, eċċ.).

### 4 Hemm xi restrizzjonijiet fuq fejn persuna tista' tinstema' bil-vidjokonferenza- jġifieri trid tkun fil-qorti?

Il-kumpilazzjoni tax-xhieda normalment issir waqt seduta (l-Artikolu 188 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili) u s-seduti normalment isiru f'awla tal-qorti (l-Artikolu 25 flimkien mal-Artikolu 35 tar-Regoli Amministrattivi u Segretarjali għall-Qrati). Għal raġunijiet tekniċi ikun diffiċli li ssir intervista banda oħra.

### 5 Huwa permess li s-seduti bil-vidjokonferenza jiġu rekordjati u jekk iva, din il-faċilità hija disponibbli?

It-tagħmir għall-vidjokonferenzi jista' wkoll jirreġistra l-vidjokonferenzi. Madankollu, skont it-termini tal-Artikolu 175 tal-Kodiċi tal-Litigazzjoni Ċivili, seduta orali permezz ta' vidjokonferenza tista' ssir biss bil-kunsens tal-partijiet. Dik l-awdjoreġistrazzjoni tinżamm fuq data carrier, li jkun parti mill-atti tal-kawża.

### 6 B'liema lingwa għandu jsir is-smiġħ: (a) fejn it-talbiet isiru taħt l-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda; u (b) fejn ikun hemm ġbir dirett ta' provi taħt l-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda?

Din il-mistoqsija mhix speċifika għall-ġbir ta' provi minn barra l-pajjiż jew b'vidjokonferenza. Skont ir-regoli ġenerali għas-seduti skont l-Artikoli 12 sa 14, is-seduti tal-qorti fis-Slovakkja dejjem isiru bil-lingwa uffiċjali u jekk ikun hemm bżonn jiġu pprovduti interpreti.

Jekk il-qorti tikkumpila x-xhieda direttament skont l-Artikoli 19 u 20, dan tagħmlu bil-lingwa tagħha stess.

### 7 Jekk ikunu meħtieġa interpreti, min huwa responsabbli biex jipprovdihom u fejn għandu jkun posthom (a) meta t-talbiet isiru taħt l-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda; u (b) fejn ikun hemm ġbir dirett ta' provi taħt l-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda?

Jekk is-seduta ssir permezz ta' vidjokonferenza f'konformità mal-Artikoli 12 sa 14 u jkun hemm bżonn ta' interpretazzjoni (eż. qorti tkun qed teżamina persuna Franċiża li tgħix fir-Repubblika Slovakkja), il-qorti Slovakkja tipprovdni interpretu iżda titlob rimborż mill-qorti rikjedenti f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament. Meta l-vidjokonferenzi jitwettqu skont l-Artikolu 19, l-awtorità ċentrali taqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet mal-qorti rikjedenti u tipproponi li l-qorti rikjedenti tipprovdni interpretu jekk ikun meħtieġ. L-interpreti bbażati fis-Slovakkja jistgħu jinstabu fuq is-sit [web tal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja](#).

### 8 Liema proċedura tapplika għall-arranġamenti tas-smiġħ u biex il-persuni li għandhom jinstemgħu jiġu notifikati dwar il-post u l-ħin (a) fejn it-talbiet

isiru taħt l-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda; u (b) fejn ikun hemm ġbir dirett ta' provi taħt l-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda? Għaż-żewġ opzjonijiet, kemm għandu jitħalla żmien meta tiġi stabbilita d-data tas-smiġħ biex il-persuna jkollha biżżejjed żmien minn mindu tirċievi n-notifika?

Il-liġi Slovakka ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika li tirregola dawn il-kwistjonijiet. Japplikaw ir-regoli ġenerali dwar is-smiġħ tas-seduti u t-taħrik tax-xhieda u l-partijiet. Il-Qorti normalment tikkumpila x-xhieda waqt seduta (l-Artikolu 188 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili u t-taħrika trid tiġi nnotifikata biżżejjed żmien minn qabel biex tagħti l-perjodu statutorju għat-tnejjja ta' seduta tal-qorti. L-Artikolu 46(3) tar-Regoli Amministrattivi u Segretarjali għall-Qrati jirregola r-rekwiżiti għat-taħrikiet. Taħrika għal smiġħ trid tiġi nnotifikata "bħala regola mill-inqas 5 ijiem qabel id-data meta għandha tinżamm is-seduta" (l-Artikolu 178(2) tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili).

**9 Liema spejjeż japplikaw għall-użu tal-vidjokonferenza u kif għandhom jitħallsu?**

Il-qrati Slovakki ma jżommux flus għall-vidjokonferenzi.

**10 Liema huma r-rekwiżiti, jekk hemm, biex jiġi żgurat li l-persuna li tinstema' direttament mill-qorti rikjedenti tkun ġiet infurmata li s-smiġħ isir fuq bażi volontarja?**

Il-liġi Slovakka ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika li tirregola dawn il-kwistjonijiet. Bħala regola ġenerali, fil-bidu tas-seduta l-qorti trid tinforma lill-persuna bid-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħha, sakemm il-persuna ma tkunx irrappreżentata minn avukat jew il-parti fil-kawża ma tkunx l-istat, awtorità tal-istat jew persuna ġuridika rrappreżentata minn persuna mħarrġa fil-liġi (l-Artikolu 160 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili).

**11 Liema proċeduri jeżistu biex jivverifikaw l-identità tal-persuna li għandha tinstema'?**

Il-liġi Slovakka ma fihex dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw dawn il-kwistjonijiet fir-rigward tal-vidjokonferenzi. Il-proċedura speċifika se tkun deċiża bi ftehim ad hoc bejn il-qrati kkonċernati. Evidentement japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali li jivverifikaw l-identità tal-persuna li tkun qed tiġi eżaminata (l-Artikolu 200 tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili). [Il-qorti] tivverifika d-data mill-karta tal-identità jew mill-passaport. Fil-bidu ta' seduta, l-identità ta' xhud tkun trid tiġi stabbilita flimkien ma' kull ċirkostanza li tista' taffettwa l-kredibilità tax-xhud (relazzjonijiet familjari eċċ.).

**12 Liema rekwiżiti japplikaw biex jittieħdu l-ġuramenti u x'informazzjoni hija meħtieġa mill-qorti rikjedenti meta ġurament ikun meħtieġ waqt il-ġbir dirett tal-provi taħt l-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda?**

Il-liġi Slovakka fiha biss dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw dawn il-kwistjonijiet fi proċedimenti kriminali, mhux fi proċedimenti ċivili.

Madankollu, skont l-Artikolu 196(2) tal-Kodiċi dwar il-Litigazzjoni Ċivili, il-qrati jinfurmaw lix-xhieda fil-bidu ta' kull seduta dwar is-sinifikat tad-dikjarazzjonijiet tax-xhieda u dwar id-drittijiet u l-obbligi tax-xhieda (li jgħidu s-sew u ma jaħbu xejn) u dwar il-konsegwenzi penali ta' spjegur.

Jekk il-qorti rikjedenti titlob is-smiġħ ta' xhud, ta' perit jew ta' parti taħt ġurament skont il-liġi tagħha, dan ma

jitqiesx li jmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*) Slovakk. It-test tal-ġurament jista' jinstab fl-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura (l-Artikolu 58b tal-Att Nru 97/1963).

**13 Hemm xi arranġamenti biex jiżguraw li hemm persuna ta' kuntatt fil-post tal-vidjokonferenza li l-qorti rikjedenti tkun tista' tagħmel l-arranġamenti magħha u persuna li tkun disponibbli dakinhar tas-smiġħ biex topera l-faċilitajiet tal-vidjokonferenza u tindirizza kwalunkwe problema teknika?**

Il-qorti Slovakk kollha għandhom amministratur li jista' jiġi avviciinat biex jippjana l-ittestjar tal-konnessjoni bil-vidjo, id-data tas-seduta, eċċ. L-amministratur huwa mħarreġ fit-tħaddim tal-faċilitajiet għall-vidjokonferenzi. F'każ ta' kwalunkwe problema, l-amministratur jista' jikkuntattja lit-teknixin tal-qorti u jista' jara li t-teknixin ikun preżenti dakinhar tas-seduta.

**14 Liema informazzjoni addizzjonali eventwali hija meħtieġa mill-qorti rikjedenti?**

Tkun meħtieġa l-informazzjoni teknika neċessarja biex tiġi stabbilita konnessjoni mat-tagħmir tal-qorti rikjedenti u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-interpretu.

---

■ L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.